# *Kif beda ismu: San Ġiljanu fil-Folklor Malti*

Mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta huma ħasbu biex isebbħu l-gżira tagħna, jiffortifikawha u jaħsbu għal xi ħbit mill-għedewwa. Minbarra l-gwerer, il-Kavallieri kienu jħobbu wisq il-kaċċa u billi kienu għażlu l-Birgu bħala s-sede ewlenija tagħhom, ħarsu lejn l-art li kienet tiġi ħdejhom u lemħu fiha prospett sabiħ għall-kaċċa. Din l-art kienet l-"Għoljiet ta' l-Imtieħen", li wara ssemmiet Senglea.

Fost kollox, il-Gran Mastru l'Isle Adam bena hawn kappella lil San Ġiljan bħala protettur tal-kaċċaturi u żammew din l-art għalhekk. Ferris jgħid li l-ewwel knisja ta' dan il-qaddis inbniet fl-Isla fl-1311. Mela hawn rajna ċar li l-ewwel devozzjoni lejn dan il-qaddis daħħluha l-Kavallieri. Din il-ġrajja tenniet ruħha għal ħabta tal-1580 meta twaqqfet f'raħal ieħor knisja ta' San Ġiljan. F'dan iż-żmien dan ir-raħal kien jagħmel sehem mill-parroċċa ta' Birkirkara – raħal ta' erba' min-nies li kienu sajjieda.

Bil-mod il-mod il-lok beda jissejjaħ għall-knisja li kellu f'nofsu bħalma llum il-komunità l-ġdida (bejn Raħal Ġdid u Ħal-Tarxien) qed tissejjaħ Santa Luċia. Mela l-isem ta' San Ġiljan inbeda mill-knisja ta' dan il-qaddis li tinsab f'nofs it-telgħa.

Id-dehra ta' San Ġiljan qiegħda tinbidel mil-lejl għan-nhar f'dawn l-aħħar snin. It-tfal tal-lum jgħixu madwar id-daħal ta' San Ġiljan il-għolja, ta' Ġiorni; is-slielem tal-wied magħrufa bħala "The Vilage"; il-ħotba magħrufa llum bħala "The Gardens"; it-triqat imlaqqma Paceville fuq il-warrani tal-Palazz Spinola; il-wesgħat tas-Swieqi.

Il-bini jgħatti l-ispalla ta' Wied il-Kbir isibuh bħala Tal-Ibraġġ; il-vilel sbieħ u mhumiex biswit il-'belt militari Ingliża" ta' St. Andrews; il-"Housing Projects" fuq art li dari l-militar kien isejjaħ St. Andrews, St. Patrick's u St. Georges u dawn ma' kull jum li jgħaddi aktar jimtlew bin-nies, barra dawk in-nies li kull nhar ta' Sibt u Ħadd filgħaxija llum jinżlu minn Malta kollha fil-

postijiet ta' divertiment ġewwa u madwar Paceville, qajla jistgħu jifhmu kemm u kif San Ġiljan ta' mitt sena ilu kellu xeħta oħra mil-lum.

Mhux biss id-dehra kienet xeħta oħra. Il-ħajja kellha binja oħra wkoll. Kien żmien meta r-Reġina Vittorja kienet qiegħda tirrenja matul l-aqwa żmien t' l-Imperu Ingliż u Malta moħħha meħud fil-kwistjonijiet politiċi marbuta mal-Kunsill tal-Gvern bl-ewwel tqanqiliet ta' partiti politiċi, imma san Ġiljan kien dak iż-żmien bogħod mill-belt u min kien ried jaħrab l-agħa tal-Belt kien jinżel bil-lanċa minn Marsamxett għax-xatt ta' Tas-Sliema u minn hemm jaqbad karozzin ħalli jġibu l-Balluta minn Prince of Wales Road jew jaqbad u jimxiha, għax dari dak li jkun, il-mixi kien jfittxu wisq aktar mil-lum.

Max-xitwa San Ġiljan jitbattal u mas-sajf jinżlu l-puliti mill-belt u jimlew id-djar għas-sajf. Is-suldati Ingliżi, u dan jfisser mhux biss Ingliżi imma wkoll nies minn Wales, Skozja u l-Irlanda, kienu jitħajjru jersqu lejn San Ġiljan. U mhux biss lejn San Ġiljan. Xi wħud minnhom moħħhom fir-riħ, oħrajn jiġġerrew wara t-tfajliet Maltin. Daqstant kien ikun hemm żwiġijiet li daqs mitt sena ilu f'Malta kienet qamet il-kwistjoni msejħa taż-'żwiġijiet imħallta' fejn l-għarus ikun Protestant u l-għarusa Kattolika Rumana. Il-gvern Ingliż kellu jibgħat ambaxxata speċjali lil Vatikan sabiex jirregola ż-żwiġijiet li kienu jsiru f'Malta bejn Ingliżi u Maltin. Min jaf kemm suldati ta' riġmenti Ingliżi telqu lura lejn il-barracks ta' St. Andrews u huma u mexjin moħħhom tar lejn meta ħallew in-namrata jew l-għarusa Maltija. Llum dan kollu ndifen fit-tifkira taż–żmien.

Bħalma llum anqas baqa t-tifkira ta' drawwiet qodma. Għal tmiem l-1894, Dottor Luigi Bonelli, għalliem fl-Istituto Orientale ta' Napli fl-Italja, kellu l-inkarigu mill-Ministero Della Pubblica Istruzione ta' l-Italja ħalli jasal wasla sa Malta, jistudja l-ilsien Malti u kif kien hawn għamel ġabra siewja ta' tagħrif marbut mal-folklor Malti. Dan t-tagħrif wasal għand il-magħruf studjuż Sqalli, G. Pitrè, għax dan ukoll kien jixxiegħel għall-istudju tal-folklor, billi Bonelli beda jgħaddi lil Pitrè t-tagħrif li jiġbor f'serje ta' ittri.

Bonelli ġie Malta u ġmielu beda jdur u jiltaqa' ma' diversi nies ħalli jtarrfulu fuq il-għerf bla miktub tal-Maltin. Huwa ltaqa' wkoll mal-Kappillan ta' San Ġiljan. Dan kellmu fuq drawwa qadima sewwa u li għalkemm fiż-żmien kien hemm min jagħmilha, madankollu wkoll mitt sena ilu kienet bdiet tinqata' u tintnesa.

San Ġiljan ta' mitt sena ilu u fuqhom, fejn Wied Għonor, jinżel ħelu ħelu mal-baħar, fi lsien baħar li llum insibuh bl-isem ta' Spinola, kien hemm statwa tal-ġebel ta' San Ġiljan wieqfa fuq plier u għadha hemm sal-lum. Ħdejn l-istawa kien hemm bħal għajn ta' l-ilma ġieri, bħallikieku qatgħa fl-art, illum mgħotti kollox.

Omm li ssib lil binha marid bil-ħuttafa kienet tieħdu quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan, tgħattih bir-ramel u waqt li tħallilu ħwejġu fir-ramel taqbdu u taħslu fl-ilma tal-qaddis, fin-nixxiegħa qrib u hija u tagħmel dan, kienet iddawwar ħarsitha lejn San Ġiljan u tgħidlu: Dak mhux ibni, bdiltuli, tfejjaquli jew inħallhulek f'wiċċek".

L-ommijiet, meta jaraw ċertu mard fuq uliedhom, kienu jqisu li saret 'bidla' fihom. Meta tifel kien jimrad bil-biċa, l-omm kienet twaħħal fis-saħħara li kienet "biddlitu" u lit-tifel tqisu bħala "mibdul". Hemm ukoll il-"bidla". L-ommijiet jagħmlu ta' bir-ruħhom qegħdin "jidfnu" t-tarbija sabiex "imewwtu" dak li jqisuh "imgħobbi bil-ħsara" u mill-mewt jistennew titwieled ħajja ġdida, il-ħajja li jixtiequ għal uliedhom. L-omm li marret quddiem l-istatwa ta' San Ġiljan fi Spinola, ħadet ħsieb taħsel it-tarbija fl-ilma ġieri ta' l-għajn qrib. L-ilma jfisser tisfija ta' dak li kien qabel ħalli l-ġdid jkun nadif, safi ... dak l-ilma qisna ninsew il-lum kemm neħtieġuh fil-ħajja ta' kuljum u kemm mingħajru l-bniedem ma jistax jgħix.

Jekk inkunu nafu ġrajjiet ta' l-imgħoddi, nifhmu kemm l-istatwa tal-ġebel ta' San Ġiljan fi Spinola kient u għadha tfisser fil-ħajja ta' kuljum madwarna.



*1836 - Il-monument ta' San Ġiljan ġo Bajja Spinola u bit-Triq il-Kbira qabel ma ġiet mibdula.*

